2026/2269

9.10.2026

REGOLAMENT (UE) 2026/2269 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Ottubru 2026

dwar miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ applikabbli għal ċerti prodotti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Armenja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra [2] (il-"Ftehim ta' Sħubija") jikkostitwixxi l-bażi għar-relazzjoni bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Armenja (l-"Armenja"). F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 [3], it-Titolu VI tal-Ftehim ta' Sħubija, li jirrigwarda l-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Ġunju 2018. Il-Ftehim ta' Sħubija daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021, wara r-ratifika tiegħu mill-Istati Membri kollha.

(2) Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Ftehim ta' Sħubija huwa li jistabbilixxi kooperazzjoni kummerċjali msaħħa li tippermetti kooperazzjoni regolatorja sostnuta f'oqsma rilevanti, f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Sħubija jirrifletti l-intenzjoni tal-Unjoni u l-Armenja li jiżviluppaw il-kummerċ bejniethom. Sabiex jiġi appoġġat u aċċellerat l-iżvilupp ta' relazzjonijiet ekonomiċi aktar mill-qrib bejn l-Unjoni u l-Armenja, huwa importanti li jiżdiedu l-flussi kummerċjali billi tiġi stimulata l-importazzjoni ta' ċerti prodotti.

(3) Minn Mejju 2026, il-Federazzjoni Russa introduċiet miżuri kummerċjali fuq skala kbira li jaffettwaw l-importazzjonijiet ta' prodotti ewlenin tal-esportazzjoni Armena, inkluż xorb alkoħoliku, ilma minerali, frott u ħxejjex, u t-tranżitu għalihom. Dawk il-miżuri naqqsu b'mod sinifikanti l-aċċess tal-Armenja għas-swieq tradizzjonali tagħha u fixklu l-ktajjen tal-provvista stabbiliti. Is-sitwazzjoni kellha impatt negattiv fuq l-opportunitajiet ta' esportazzjoni tal-Armenja, u taffettwa b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u lill-produtturi agrikoli, u tirriskja li timmina serjament ir-reżiljenza ekonomika u l-istabbiltà soċjali tal-Armenja. Skont il-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija u l-Aġenda Strateġika għas-Sħubija UE-Armenja adottata fit-2 ta' Diċembru 2025, l-Unjoni u l-Armenja impenjaw ruħhom li japprofondixxu r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tagħhom u li jappoġġaw il-kummerċ u d-diversifikazzjoni ekonomika. F'dak l-isfond u fi spirtu ta' solidarjetà mal-Armenja, huwa xieraq li jiġu stimulati l-flussi kummerċjali u li jingħataw konċessjonijiet fil-forma ta' miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ għal prodotti Armeni magħżula.

[1] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2026.

[2] ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2018/104/oj.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra (ĠU L 23, 26.1.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/104/oj).

(4) F'konformità mal-Artikolu 21(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni għandha tiżgura l-konsistenza bejn l-oqsma differenti tal-azzjoni esterna tagħha. Skont l-Artikolu 207(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti miżuri temporanji ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma tas-sospensjoni tad-dazji *ad valorem* simili għas-sospensjoni prevista mill-iskeda tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi Plus tal-Unjoni b'xi aġġustamenti, bħat-tneħħija ta' ċerti prodotti sensittivi u l-inklużjoni ta' ċerti prodotti agrikoli pprojbiti mir-Russja, u fil-forma tat-tneħħija ta' dazji *ad valorem* fuq tmien prodotti agrikoli fil-limiti tal-kwoti tariffarji applikabbli.

(6) Sabiex jiġu evitati l-frodi, il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ stabbiliti b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu kundizzjonali fuq il-konformità tal-Armenja mal-kundizzjonijiet rilevanti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-Ftehim ta' Sħubija, inkluż ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-prodotti kkonċernati u l-proċeduri relatati magħhom, u fuq l-involviment tal-Armenja f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib mal-Unjoni, kif previst fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 ([4]) u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([5]).

(7) L-Armenja għandha tastjeni milli tintroduċi dazji ġodda jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti jew restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti u milli tintroduċi kwalunkwe restrizzjoni oħra fuq il-kummerċ mal-Unjoni. Fil-każ li l-Armenja tonqos milli tikkonforma ma' xi waħda minn dawk il-kundizzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tissospendi temporanjament, kompletament jew parzjalment, il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament.

(8) L-Artikoli 2 u 9 tal-Ftehim ta' Sħubija jistabbilixxu li r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva huma elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Sħubija. Huwa xieraq li tiġi introdotta l-possibbiltà li jiġu sospiżi temporanjament il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament fil-każ li l-Armenja tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet identifikati bħala elementi essenzjali fil-Ftehim ta' Sħubija.

(9) Soġġett għal valutazzjoni mill-Kummissjoni mnedija jew wara talba debitament sostanzjata minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess, huwa meħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li tittieħed kwalunkwe miżura meħtieġa rigward l-importazzjonijiet ta' kwalunkwe prodott li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li qed jaffettwaw b'mod negattiv is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

(10) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tissospendi temporanjament il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament fil-każ li ma jibqgħux jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tad-dritt għal dawk il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ, u biex tintroduċi salvagwardji f'każijiet fejn is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament jiġi affettwat b'mod negattiv mill-importazzjonijiet skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Jenħtieġ li tintuża l-proċedura konsultattiva għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja provviżorji, minħabba l-effetti u n-natura ta' dawk il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi.

(11) Fid-dawl tas-sitwazzjoni urġenti fl-Armenja, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-TFUE u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(12) Fid-dawl tas-sitwazzjoni urġenti fl-Armenja, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li japplika għal perjodu ta' sentejn,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

1. Jiġu introdotti l-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li ġejjin:

(a) il-prodotti li joriġinaw mill-Armenja elenkati fl-Anness I għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni eżentati minn dazji tal-importazzjoni *ad valorem*;

(b) il-prodotti li joriġinaw mill-Armenja elenkati fl-Anness II għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni eżentati minn dazji tal-importazzjoni *ad valorem* fil-limiti tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni kif stabbilit f'dak l-Anness.

2. Il-kwoti tariffarji msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 2

Kundizzjonijiet tad-dritt għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-konformità tal-Armenja mar-regoli tal-oriġini previsti fl-Artikoli 59 sa 70 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u fl-Artikoli 113 sa 126 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

(b) l-impenn tal-Armenja f'kooperazzjoni amministrattiva mill-qrib u effettiva mal-Unjoni, inkluż għall-verifika tal-evidenza tal-oriġini, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' frodi;

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (GU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(c) l-astensjoni tal-Armenja milli tintroduċi dazji ġodda jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti jew restrizzjonijiet kwantitattivi ġodda jew miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Unjoni, milli żżid il-livelli eżistenti ta' dazji jew imposti, u milli tintroduċi kwalunkwe restrizzjoni oħra fuq il-kummerċ mal-Unjoni, inkluż miżuri amministrattivi interni diskriminatorji, sakemm ma jkunx debitament ġustifikat u notifikat lill-Kummissjoni; u

(d) ir-rispett tal-Armenja għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, kif previst fl-Artikoli 2 u 9 tal-Ftehim ta' Sħubija.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 119(1) tar-Regolament tal-Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, dikjarazzjoni ta' fattura tista' ssir ukoll minn esportatur Armen irreġistrat fis-sistema tal-Esportatur Irreġistrat (REX) tal-Unjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 70, 72, 86, 89 u 91 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 3

Sospensjoni temporanja tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

1. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun hemm biżżejjed evidenza ta' nuqqas ta' konformità mill-Armenja ma' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, hija tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tissospendi kompletament jew parzjalment b'mod temporanju l-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti fl-Artikolu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(3).

2. Meta Stat Membru jitlob li l-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe wieħda mill-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti fl-Artikolu 1 abbażi ta' nuqqas mill-Armenja li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), il-Kummissjoni għandha tipprovdi, fi żmien erba' xhur mit-talba, opinjoni motivata dwar jekk l-affermazzjoni li l-Armenja naqset milli tikkonforma hijiex sostanzjata. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li t-talba hija sostanzjata, hija għandha tibda l-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 4

Miżuri ta' salvagwardja

1. Meta prodott kopert mill-Artikolu 1(1) li joriġina mill-Armenja jiġi importat taħt kundizzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament, il-Kummissjoni tista' timponi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, kwalunkwe miżura li tkun meħtieġa. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 5(3).

Tali miżuri jistgħu jiġu imposti sakemm ikun meħtieġ biex jikkontrobattu l-effetti negattivi fuq is-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni jew tas-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew f'kompetizzjoni diretta bil-ħsieb li timponi miżuri f'konformità mal-paragrafu 1. Dik il-valutazzjoni għandha tinbeda:

(a) wara talba sostanzjata kif xieraq minn Stat Membru li tinkludi biżżejjed evidenza prima facie disponibbli b'mod raġonevoli għal dak l-Istat Membru skont il-paragrafu 3 ta' importazzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv lis-suq imsemmi fil-paragrafu 1; jew

(b) fuq l-inizjattiva tagħha stess, wara li jkun ħareġ biċ-ċar għall-Kummissjoni li hemm biżżejjed evidenza prima facie ta' importazzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv lis-suq kif imsemmi fil-paragrafu 1.

Il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi konkluża fi żmien erba' xhur minn meta tkun inbdiet.

3. Fit-twettiq tal-valutazzjoni skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqis l-iżviluppi rilevanti kollha tas-suq, inkluż l-impatt tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq is-sitwazzjoni tas-suq tal-Unjoni jew tas-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament. Dik il-valutazzjoni għandha tinkludi l-fatturi li ġejjin:

(a) ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Armenja tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi;

(b) l-effett tal-importazzjonijiet ikkonċernati fuq il-produzzjoni u l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni jew fis-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tal-importazzjonijiet minn sorsi oħra.

Jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati fatturi rilevanti oħra.

4. F'ċirkostanzi kritiċi fejn id-dewmien jikkawża dannu lis-suq rilevanti li jkun diffiċli li jissewwa, il-Kummissjoni tista' timponi b'mod proviżorju, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, kwalunkwe miżura li tkun meħtieġa. Tali miżura tista' tiġi imposta biss wara talba debitament sostanzjata minn Stat Membru skont il-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u għandha tiġi adottata fi żmien 21 jum mill-wasla ta' dik it-talba. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 5(4). Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx il-120 jum.

5. Meta, b'riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tqis li s-suq tal-Unjoni jew is-suq ta' Stat Membru wieħed jew aktar għal prodotti simili jew li jikkompetu direttament ikun ġie affettwat b'mod negattiv u jkollha l-ħsieb li timponi miżura definittiva skont il-paragrafu 1, hija għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jħabbar l-intenzjoni tagħha li timponi tali miżura. Dak l-avviż għandu jipprovdi sommarju tar-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni u jispeċifika l-perjodu li fih il-partijiet interessati jistgħu jissottomettu l-fehmiet tagħhom bil-miktub. Dak il-perjodu ma għandux jeċċedi 10 ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

Artikolu 5

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bl-Artikolu 285(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) fir-rigward tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbiliti bl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) fir-rigward tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (kodifikazzjoni) (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/478/oj).

Artikolu 6

Rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ previsti f'dan ir-Regolament fil-Kumitat ta' Sħubija fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika sal-11 ta' Ottubru 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strażburgu, is-7 ta' Ottubru 2026.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	T. BYRNE

ANNESS I

Lista ta' prodotti soġġetti għall-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (a)

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda ("NM"), id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha titqies bħala indikattiva, bil-preferenzi tariffarji ddeterminati mill-kodiċijiet NM. Fejn kodiċijiet NM preċedenti huma indikati, il-preferenzi tariffarji għandhom jiġu ddeterminati mill-kodiċi NM flimkien mad-deskrizzjoni.

Id-dħul ta' prodotti b'kodiċi NM immarkati b'asterisk (*) huma soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi relevanti tal-Unjoni.

Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, il-prodotti huma elenkati fi gruppi. Dawn jistgħu jinkludu prodotti li għalihom id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni ġew eżentati jew sospiżi.

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0101 29 90	Żwiemel ħajjin, għajr annimali ta' razza pura għat-tnissil, għajr għall-qatla
0101 30 00	Ħmir ħajjin
0101 90 00	Bgħula u bgħula bin il-ħmara ħajjin
0104 20 10	Mogħoż ħajjin, ta' razza pura għat-tnissil
0106 14 10	Fniek ħajjin domestiċi
0106 39 10	Ħamiem ħaj
0205 00	Laħam taż-żwiemel, tal-ħmir, tal-bgħula jew tal-bgħula tal-ħmara, frisk, imkessaħ jew iffriżat
0206 80 91	Ġewwieni li jittiekel taż-żwiemel, tal-ħmir, tal-bgħula jew tal-bgħula bin il-ħmara, frisk jew imkessaħ, għajr għall-manifattura tal-prodotti farmaċewtiċi
0206 90 91	Ġewwieni li jittiekel taż-żwiemel, tal-ħmir, tal-bgħula jew tal-bgħula bin il-ħmara, iffriżat, għajr għall-manifattura tal-prodotti farmaċewtiċi

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0207 14 91	Fwied, iffriżat, tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*
0207 27 91	Fwied, iffriżat, tad-dundjani
0207 45 95 0207 55 95 0207 60 91	Fwied, iffriżat, tal-papri, tal-wiżż jew tal-farawni, għajr fwied xaħmi ta' papri jew wiżż
ex 0208	Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel ieħor, frisk, imkessaħ jew iffriżat, ħlief prodotti tas-subintestatura 0208 40 20
0210 99 10	Laħam taż-żiemel, immellaħ, fis-salmura jew imnixxef
0210 99 59	Ġewwieni tal-annimali bovini, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat, għajr taħrika tal-falda ħoxna u taħrika tal-falda rqiqa
ex 0210 99 85	Ġewwieni tan-nagħaġ jew mogħoż, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat
ex 0210 99 85	Ġewwieni ta' annimali, immellaħ, f'ilma mielaħ, imnixxef jew affumikat, għajr fwied ta' tjur, għajr ta' ħnieżer domestiċi, annimali tal-ifrat jew nagħaġ jew mogħoż
0403 20 51	Jogurt, imħawwar jew miżjud bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
0403 20 53	
0403 20 59	
0403 20 91	
0403 20 93	
0403 20 99	

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0403 90 71	Xorrox tal-butir, baqta u krema, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati u aċidifikati, imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw
0403 90 73	
0403 90 79	
0403 90 91	
0403 90 93	
0403 90 99	
0405 20 10	Prodotti li jindilku (spreads), b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, ta' 39 % jew aktar iżda li ma jaqbiżx 75 %
0405 20 30	
0407 19 90 0407 29 90 0407 90 90	Bajd tal-għasafar, fil-qoxra, frisk, preservat jew imsajjar minbarra tat-tjur
0409 00 00	Għasel naturali
0410 10 10 0410 10 91 0410 10 99 0410 90 00	Prodotti tajbin għall-ikel li ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
0511 99 39	Sponoż naturali li ġejjin mill-annimali, għajr dawk grezzi
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali
0701	Patata, friska jew imkessħa
0702	Tadam, frisk jew imkessaħ
0703 10	Basal u xalott, frisk jew imkessaħ
0703 90 00	Kurrat u ħaxix ieħor tal-grupp tat-tewm, frisk jew imkessaħ
0704	Kaboċċi, pastard, kohlrabi, kale u brassiki oħrajn li jittieklu, friski jew imkessħin
0705	Ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.), friski jew imkessħin
0706	Karrotti, ġdur, pitravi għall-insalata, sassefrika, celeriac, ravanell u għeruq oħrajn simili tajbin għall-ikel, friski jew imkessħin
0708	Veġetali leguminużi, mqaxxrin jew bil-qoxra, friski jew imkessħin
0709 20 00	Spraġ, frisk jew imkessaħ
0709 30 00	Brunġiel, frisk jew imkessaħ
0709 40 00	Krafes għajr krafes liftija, frisk jew imkessaħ
0709 51 00 0709 52 00 0709 53 00 0709 54 00 0709 55 00 0709 59 00	Faqqiegħ, frisk jew imkessaħ

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0709 60 10	Bżar ħelu, frisk jew imkessaħ
0709 60 99	Frott tal-ġeneru *Capsicum* jew tal-ġeneru *Pimenta*, frisk jew imkessaħ, għajr bżar ħelu, għajr dawk tal-ġeneru *Capscium* għall-manifattura taż-żebgħa tal-capsicin jew tal-oleoraża tal-capsicum u għajr għall-manifattura industrijali taż-żjut essenzjali jew rażinojdi
0709 70 00	Spinaċi, spinaċi ta' New Zealand u spinaċi orache (spinaċi tal-ġonna), friska jew imkessħa
ex 0709 91 00	Qaqoċċ, frisk jew imkessaħ, mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru
0709 92 10 *	Żebbuġ, frisk jew imkessaħ, għall-użi għajr għall-produzzjoni taż-żejt
0709 93 10	Zukkini, friski jew imkessħin
0709 99 10	Ħaxix għall-insalata, frisk jew imkessaħ, għajr ħass (*Lactuca sativa*) u ċikwejra (*Cichorium* spp.)
0709 99 20	Selq (jew selq abjad) u qaqoċċ tax-xewk, friski jew imkessħin
0709 99 40	Kappar, frisk jew imkessaħ
0709 99 50	Bużbież, frisk jew imkessaħ
0709 93 90 0709 99 90	Veġetali oħrajn, friski jew imkessħin
0710	Ħaxix (mhux imsajjar jew imsajjar bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma), iffriżat, għajr il-prodott tas-subintestatura 0710 40 00

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
ex 0711	Ħaxix ippreservat provviżorjament (eż. bil-gass dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'soluzzjonijiet preservattivi oħra), iżda mhux tajjeb f'dak l-istat għall-konsum immedjat, ħlief prodotti tas-subintestaturi 0711 20 90 u 0711 90 30
ex 0712	Ħaxix imnixxef, sħiħ, imqatta', flieli, biċċiet jew trab, iżda mhux ippreparat mod ieħor, ħlief żebbuġ u prodotti tas-subintestatura 0712 90 19
0713	Ħaxix leguminuż imnixxef, mingħajr qoxra ta' barra, kemm jekk mingħajr qoxra ta' ġewwa jew imxerraħ u kemm jekk le
0714 20 10 *	Patata ħelwa, friska, sħiħa, intiża għall-konsum mill-bniedem
0714 20 90	Patata ħelwa, friska, imkessħa, iffriżata jew imnixxfa, kemm jekk flieli jew f'forma ta' pellets u kemm jekk le, għajr friska u sħiħa u intiża għall-konsum mill-bniedem
0714 90 90	Artiċokks u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli ta' inulina, friski, imkessħin, iffriżati jew imnixxfin, kemm jekk flieli jew f'forma ta' pellets u kemm jekk le; sago pith
0802 11 90	Lewż, frisk jew imnixxef, imqaxxar jew imfesdaq jew le, minbarra morr
0802 12 90	
0802 21 00	Ġellewż (*Corylus* spp.), frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra
0802 22 00	

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0802 31 00	Ġewż, frisk jew imnixxef, jekk imqaxxar jew fil-qoxra
0802 32 00	
0802 41 00 0802 42 00	Qastan (*Castanea* spp.), frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra
0802 51 00 0802 52 00	Pistaċċi, friski jew imnixxfin, kemm jekk bil-qoxra ta' barra u ta' ġewwa u kemm jekk le
0802 61 00 0802 62 00	Ġewż tal-makadamja, frisk jew imnixxef, kemm jekk bil-qoxra ta' barra u ta' ġewwa u kemm jekk le
0802 91 00 0802 92 00	Ġewż tal-arżnu (*Pinus* spp.), frisk jew imnixxef, kemm jekk imqaxxar jew fil-qoxra
0802 99 10 0802 99 90	Ġewż Amerikan u ġewż ieħor, frisk jew imnixxef, kemm jekk bil-qoxra ta' barra u ta' ġewwa u kemm jekk le
0803 10 10	Pjantaġġini, friski
0803 10 90 0803 90 90	Banana, inkluż pjantaġġini, imnixxfin
0804 10 00	Tamal, frisk jew imnixxef
0804 20 10	Tin, frisk jew imnixxef
0804 20 90	
0804 30 00	Ananas, frisk jew imnixxef
0804 40 00	Avokado, frisk jew imnixxef

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
ex 0805 21	Il-mandolin (inkluż it-tangerines u s-satsumas); u klementina, wilkings u ibridi simili taċ-ċitru, friski jew imnixxfin, mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Ottubru
ex 0805 22 00	
ex 0805 29 00	
0805 40 00	Grapefruit u pomelos, frisk jew imnixxef
0805 50 90	Xkomp (*Citrus aurantifolia*, *Citrus latifolia*), frisk jew imnixxef
0805 90 00	Frott ieħor taċ-ċitru, frisk jew imnixxef
0807 11 00	Bettieħ (inkluż id-dulliegħ), frisk
0807 19 00	
0808 10	Tuffieħ, frisk
0808 30 10	Lanġas tal-Perry, frisk, bil-kwantità, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru
0808 40 00	Sfarġel, frisk
0809 21 00	Ċirasa qarsa (*Prunus cerasus*), friska
0809 40 90	Pruna selvaġġa, friska
0810 20	Lampun, tut, ċawsli u loganberries, friski
0810 30	Ribes iswed, abjad jew aħmar u ribes bix-xewk, friski

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0810 40 30	Frott tal-ispeċi *Vaccinium myrtillus*, frisk
0810 40 50	Frott tal-ispeċi *Vaccinium macrocarpon* u *Vaccinium corymbosum*, frisk
0810 40 90	Frott ieħor tal-ġeneru *Vaccinium*, frisk
0810 50 00	Kiwi, frisk
0810 60 00	Durians, friski
0810 70 00	Kaki, frisk
0810 90	Frott ieħor, frisk
0811	Frott u ġewż, nejjin jew imsajrin bl-isim jew bit-togħlija fl-ilma, friżati, kemm jekk biż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu jew mingħajrha
0812	Frott u ġewż li jkun ippreservat b'mod provviżorju, iżda li ma jkunx tajjeb għall-konsum immedjat f'dak l-istat
0813 10 00	Berquq, imnixxef
0813 20 00	Pruna, imnixxfa
0813 30 00	Tuffieħ, imnixxef

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0813 40 10	Ħawħ, inkluż nuċiprisk, imnixxef
0813 40 30	Langas, imnixxef
0813 40 50	Pawpaw (papaja), imnixxef
0813 40 65 0813 40 95	Tamarind, frott tal-anarkadju, liċċi (litchi), frott tas-siġra tal-ħobż (jackfruit), frott tas-sapodilja, frott tal-passjoni, karambola u pitaħaja u frott ieħor, imnixxef, minbarra dak tal-intestaturi 0801 sa 0806
0813 50 12	Taħlit ta' frott imnixxef, (minbarra dak ta' intestaturi 0801 sa 0806) ta' pawpaw (papaja), tamarind, frott tal-anakardju, liċċi (litchi), frott tas-siġra tal-ħobż (jackfruit), frott tas-sapodilja, frott tal-passjoni, karambola u pitaħaja, mingħajr pruna
0813 50 15	Taħlit ieħor ta' frott imnixxef (għajr dak tal-intestaturi 0801 sa 0806), li ma jkunx fihom pruna
0813 50 19	Taħlit ta' frott imnixxef (għajr dak tal-intestaturi 0801 sa 0806), li jkun fih il-pruna
0813 50 31	Taħlitiet magħmulin esklużivament mill-ġewż tropikali tal-intestaturi 0801 u 0802
0813 50 39	Taħlitiet magħmulin esklużivament mill-ġewż tal-intestaturi 0801 u 0802, għajr mill-ġewż tropikali
0813 50 91	Taħlit ieħor ta' ġewż u frott imnixxef tal-Kapitolu 8, li ma fihx pruna jew tin

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
0813 50 99	Taħlit ieħor ta' ġewż jew frott imnixxef tal-Kapitolu 8
0814 00 00	Qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ (inkluż id-dulliegħ), friska, iffriżata, imnixxfa jew provviżorjament ippreservata fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'soluzzjonijiet preservattivi oħrajn
Kapitolu 9	Kafè, te, maté u ħwawar
1008 50 00	Kinoa (*Chenopodium quinoa*)
ex 1104 29 17	Ħbub taċ-ċereali bil-qoxra mqaxxrin (bla qxur jew imfesdqin), kemm jekk imfettin jew miṫhunin oħxon u kemm le eskluż ix-xgħir, il-ħafur, il-qamħirrum, ir-ross u l-qamħ
1105	Dqiq, grixa, trab, fjokki, granuli u pellets tal-patata
1106 10 00	Dqiq, grixa u trab tal-ħaxix leguminuż imnixxef tal-intestatura 0713
1106 30	Dqiq, grixa u trab tal-prodotti tal-Kapitolu 8
1108 20 00	Inulina
ex Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott, pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef esklużi prodotti taħt l-intestatura 1210 u tas-subintestaturi 1212 91 u 1212 93 00

Kodiċi CN	Deskrizzjoni
Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, raġi u linef u estratti veġetali oħrajn
1501 90 00	Grass tat-tjur, minbarra dak tal-intestatura 0209 jew 1503
1502 10 90 1502 90 90	Xaħmijiet tal-annimali bovini, tan-nagħaġ u tal-mogħoż, għajr dawk tal-intestatura 1503 u għajr dawk għall-użi industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem
1503 00 19	Stearina tal-lardu u oleostearina, għajr għall-użi industrijali
1503 00 90	Żejt tal-lardu, oleomarġerina u żejt tax-xaħam ta' dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew ippreparati b'xi mod ieħor, għajr żejt tax-xaħam ta' dam għall-użi industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut jew tal-mammiferi tal-baħar, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament
1505 00 10	Xaħam tas-suf, mhux raffinat
